MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2008

Numru 646/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**MOHAMMED TENSI**

**Illum 4 t'Awissu 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mohammed Tensi ta' 27 sena iben Murad u Linda ta' nazzjonalita' Algerina imwieled Algiers fis-17 ta' Marzu 1981, minghajr dokumenti. Residenti fic-Centru ta' Akkmmodazzjoni f'Ta Kandja. Bin-numru tal-Pulizija 07AH-40:

Billi gie akkuzat talli fil-21 ta' Lulju ghal habta tat-8.30 ta' filghaxija gewwa il-kumpless ta' Kandja, Mqabba, Malta:

Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jghamel, jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha, jew li jinfluwixxi fuqu kontra il-ligi fk-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Dan bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi hebb kontra l-persuna tal-ufficjali tal-pulizija, billi ingurjhom, dejjaqhom u ghamilhom l-hsara, kif ukoll provokhom b'tali mod li johorgu barra l-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll that l-istess cirkostanzi, fil-kumpless ta' detenzjoni gewwa Ta' Kandja, Malta, volontarjament hassar, ghamel l-hsara u gharraq hwejjeg haddiehor mobbli u imobbli fuq propjeta liema hsara tammonta ghall madwar 344 Euros ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, kisser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. Dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jghamel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jghamel dak li b'ligi kien ordnat jew setgha jghamel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun. Dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U gie akkuzat ukoll talli sar recidiv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat C. Scerri Herrera LL.D) datata 07/02/2005 ghal tlett snin u nofs prigunerija, u b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

(Malta) datata 19/01/2006 ghal sentejn u ghaxar xhur prigunerija, kif ukoll b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D) datata 27 ta' Novembru 2006 ghal ghaxar xhur prigunerija, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 16 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 17, 95(1), 339(1)(d) u (e), 325(1)(b), l-ahhar Proviso tal-artikolu 325(1), 338(dd), 338(ee), 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mohammed Tensi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda il-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza tikkundanna lill-imputat Mohammed Tensi ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tlett mija u disa' u hamsin Euro u erba' centezmi ta' Euro multa (Euro 359.4) liema multa hi ekwivalenti ghall-hsara li saret lill-proprjeta' pubblika ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u li tirrigwarda it-tielet akkuza.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Mohammed Tensi sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u hamsa u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 175.85) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza rigward il-hatra ta' Dr. Mario Scerri.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Mohammed Tensi b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment fid-dawl ta' dak dikjarat mill-imputat fil-Verbal tas-Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008 u it-talba tad-difiza li l-imputat jigi ezaminat minn tabib sabiex jigu konstatati xi griehi illi huwa sofra f'dan l-incident (liema talba giet milqugha u gie nominat Dr. Mario Scerri) u ukoll fid-dawl tal-kontenut tar-Relazzjoni tal-istess Dr. Mario Scerri esbita bhala Dok MS1 (Folio 21 sa fol. 37 tal-Process), tordna li kopja vera tal-imsemmi Verbal tas-Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008 u kopja vera tar-Relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri flimkien a kopja vera ta' din is-Sentenza jigu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet necessarji u jiehu l-passi kollha opportuni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------